



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Id-Disa' Awla) tal-14 ta' Diċembru 2017 – L-Ungerija vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-505/15)

“FAEG u FAEŻR – Infiq eskluż mill-finanzjament – Regolamenti (KE) Nri 1782/2003, 1290/2005, 73/2009 u 1122/2009 – Infiq imġarrab mill-Ungerija – Kundizzjonalità – Stħarriġ tar-rekwiżiti leġiżlattivi fil-qasam ta' ġestjoni – Stħarriġ tal-kundizzjonijiet tajbin agrikoli u ambjentali – Korrezzjonijiet b'rata fissa u speċifiċi – Riskju għall-Fondi”

1. *Agrikoltura – Finanzjament mill-FAEG u FAEŻR – Clearance tal-kontijiet – Rifjut ta' teħid ta' responsabbiltà għal infiq li jirriżulta minn irregolaritajiet fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni – Kontestazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat – Oneru tal-prova – Tqassim bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru*

(Regolament tal-Kunsill Nru 1290/2005, Artikolu 31)

(Ara l-punti 21 sa 24, 50)

2. *Atti tal-istituzzjonijiet – Regolamenti – Regolament li jippreskrivi miżuri speċifiċi ta' stħarriġ – Assenza ta' setgħa diskrezzjonali tal-Istati Membri – Nuqqas ta' eżekuzzjoni – Ġustifikazzjoni – Effikaċja aħjar ta' sistema oħra ta' stħarriġ – Inammissibbiltà*

(it-tieni paragrafu tal-Artikolu 288 TFUE)

(ara l-punti 25, 97, 98)

3. *Ambjent – Konservazzjoni ta' għasafar selvaġġi – Direttiva 79/409 – Klassifikazzjoni f'żona ta' protezzjoni speċjali – Obbligu tal-Istati Membri – Portata*

(Direttiva tal-Kunsill 79/409, Artikoli 1 u 3 sa 5)

(ara l-punti 37 sa 40)

4. *Agrikoltura – Politika Agrikola Komuni – Skemi ta' għajjnuna diretta – Regoli komuni – Rekwiżiti leġiżlattivi fil-qasam ta' ġestjoni – Kundizzjonijiet tajbin agrikoli u ambjentali – Obbligu li jittieħdu l-miżuri neċessarji ta' konservazzjoni barra miż-żoni ta' protezzjoni speċjali – Portata*

(Regolament tal-Kunsill Nru 73/2009, Anness II; Direttiva tal-Kunsill 92/43, Artikoli 2(1), 6(3), u 13)

(ara l-punti 43 sa 47)

5. *Agrikoltura – Politika Agrikola Komuni – Skemi ta' għajnuna diretta – Regoli komuni – Rekwiżiti leġiżlattivi fil-qasam ta' ġestjoni – Kundizzjonijiet tajbin agrikoli u ambjentali – Definizzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti mill-Istati Membri – Obbligu – Portata*

(Regolamenti tal-Kunsill Nru 1782/2003, Artikolu 5(1), u Anness IV, u Nru 73/2009, Anness III)

(ara l-punti 63, 64)

6. *Agrikoltura – Politika Agrikola Komuni – Skemi ta' għajnuna diretta – Regoli komuni – Rekwiżiti leġiżlattivi fil-qasam ta' ġestjoni – Kundizzjonijiet tajbin agrikoli u ambjentali – Obbligu ta' sħarriġ tal-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti – Portata*

(Regolament tal-Kunsill Nru 73/2009, Artikolu 22(1); Regolament tal-Kummissjoni Nru 1122/2009, Artikoli 26(1) u 53(1); Direttiva tal-Kunsill 91/676, Artikoli 4 u 5)

(ara l-punti 82 sa 86)

7. *Agrikoltura – Finanzjament mill-FAEG u FAEŻR – Sistema integrata ta' ġestjoni u ta' kontroll dwar ċerti skemi ta' għajnuna – Tnaqqis jew esklużjoni fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza mar-regoli tal-kundizzjonalità – Nuqqas ta' applikazzjoni f'każijiet ta' nuqqas ta' osservanza sekondarja – Kriterji ta' evalwazzjoni*

(Regolament tal-Kunsill Nru 73/2009, Artikolu 24(2))

(ara l-punti 115, 126)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1119 tat-22 ta' Ġunju 2015 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2015, L 182, p. 39), sa fejn din id-deċiżjoni twettaq korrezzjonijiet speċifiċi u b'rata fissa fir-rigward tal-Ungerija.

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1119 tat-22 ta' Ġunju 2015 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) hija annullata peress li wettqet korrezzjoni finanzjarja bbażata fuq in-nuqqas ta' konformità, dwar ir-rekwiżiti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19

ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, u tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid, tal-kontrolli mwettqa mill-Ungerija sabiex jiżguraw l-osservanza mill-irziezet tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/676 tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli.

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) L-Ungerija u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.